Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef A. Ellul

Appell numru: 33/2016

**Alfred Zammit (KI:445062 M) (appellat)**

**vs**

**Paul Farrugia (KI: 251179 M) (appellant), u Louis Pisani (KI: 52359 M) (appellat) li gie msejjah fil-kawza skont ordni tat-22 ta' Gunju, 2015**

5 ta' Novembru, 2018.

1. B'rikors prezentat fil-25 ta' Novembru, 2016 il-konvenut Farrugia appella minn decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg li sabitu hati tal-incident tat-traffiku li sehh fit-13 ta' Ottubru, 2014 f'Hal Luqa u kkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' tmint elef tmien mija u zewg ewro u hamsa u sebghin centezmu (€8,802.75) bhala danni. L-aggravji huma tlieta.:

(i) Fir-rigward tar-responsabbilta ghall-incident. L-appellant jilmenta minn apprezzament hazin tal-provi u silet diversi siltiet mix-xhieda migbura quddiem l-Arbitru sabiex isostni l-aggravju tieghu.

(ii) Fit-tieni aggravju argument li l-imsejjah fil-kawza kien qieghed f'velocita eccessiva, tant li meta bidel il-karreggata minn dik ta' gewwa ghal dik ta' barra minn fuq linja bajda kontinwa, bil-konsegwenza li kkawza l-incident in kwistjoni. Ghamel riferenza ghal gurisprudenza li ghalkemm vettura tkun ghaddejja minn triq principali, xorta ghandu jkun diligenti fil-mod kif isuq.[1] Hekk ukoll jekk sewwieq fi triq principali ikun qieghed jaghmel uzu minn velocità eccessiva, jista' jkun fattur determinanti li jwassal ghall-incident.[2] Irrefera ghall-provi li ngabru.

(iii) Fit-tielet aggravju lmenta li ma saret l-ebda prova sufficjenti rigward id-danni konsiderevoli li l-appellat jippretendi li sofra bhala *loss of use* u li

[1] Jiccita f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti tat-22 ta' Gunju, 2005, fil-kawza fl-ismijiet **Citadel Insurance plc noe v. Paul Scerri,** dik tas-16 ta' Dicembru, 2015, fil-kawza fl-ismijiet **Christopher Sciberras v. Silvio Falzon et** u dik tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, tat-13 ta' Lulju, 2010, fil-kawza fl-ismijiet **Jeffrey Caruana v. Carmel Montesin.**

[2] Issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri tat-12 t'April, 2007, fil-kawza fl-ismijiet **Eugenio Portelli et v. Joseph Agius.**

l-kontestazzjoni tieghu dwar il-*quantum* ta' danni pretizi gew skartati mill-Arbitru, dan meta jidher li ma tressqetx l-ahjar prova fir-rigward u l-kalkoli huma zbaljati. Zied li l-appellat qieghed japprofitta ruhu, meta l-principju in materja huwa li d-danneggjat ghandu jipprova jimminimizza d-danni. Inoltre l-*loss of use* kellu jigi limitat ghaz-zmien li l-vettura damet tissewwa u mhux tinkludi z-zmien li fih il-parts damu ma waslu minn barra. Jishaq li l-likwidazzjoni ta' danni se jwassal ghal arrikiment tal-appellat.

2. L-imsejjah fil-kawza wiegeb li d-decizjoni arbitrali hija motivata tajjeb, ekwa u gusta u timmerita li tigi kkonfermata, bl-ispejjez kontra l-appellant.

3. L-attur wiegeb fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud.

**<u>Konsiderazzjoni</u>**.

4. Fir-rigward ta' responsabbilta, fir-rapport dwar l-incident[3] jinghad li l-konvenut, xufier tat-trukk GVA 249, qal li:

> "*Kont hiereg mill-Barracks tal A.F.M. ta' Hal-Luqa ghal gol main road (Triq il-Kunsill tal-Ewropa).* ***Kif wasalt fuq l-Stop sign waqaft, harist iz-zewg nahat, rajt li mhux gejjin karozzi u hrigt ghal gol main Road.*** *F'daqqa wahda giet vettura fuq il-lane tan-naha ta' gewwa ukoll, u waqt li kien qed jipprova jaqbizni, wehel mal-bumper ta' quddiem.*"

5. Meta xehed, in kontro-ezami qal:

> *"Nghid illi qabel ma soqt ghal got-triq jien rajt il-vettura ta' l-attur izda kienet qisu xi ghaxar karozzi l boghod. Nghid li din il-karozza kienet qed issuq fuq il-lane tan-naha ta' gewwa."*

6. Ghalhekk il-konvenut ta verzjonijiet konfliggenti.

7. Rilevanti wkoll hu dak li xehed Jonathan Sant, li kien riekeb ma' gemb il-konvenut:

> "***<u>mill-boghod stajt ninnota li kienet gejja karozza</u>***. *Kif iddrittajna ezatt t-truck smajt bum."*

8. Louis Pisani, imsejjah fil-kawza, kien ix-xufier tal-vettura IGY 048. Fir-rapport li sar dakinnhar tal-incident, jinghad li qal:

[3] Ara Full Road Traffic Accident Report esebit bhala Dok. APV1.

*"Kont gej fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa direzzjoni minn Santa Lucija lejn Hal-Luqa fuq il-lane ta' barra. It-Truck tal-AFM hareg minn fuq lis-Stop sign ta' Triq tal-Barracks ta' Hal-Luqa u qabez ghal fuq il-lane tan-naha ta' barra u gibidli il-genb tan-naha tax-xellug bil bumper ta' quddiem."*

9. Fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2015 xehed:

*"…qed nimmarka vlegga bid-direzzjoni minn fejn kont gej u f'liema lane kont qieghed u cioè n-naha tac-central strip. … Jien kont qed insuq minn Santa Lucija lejn Hal Qormi bi speed ta' madwar 30km fis-siegha. X'hin wasalt vicin fejn sehh l-incident ilmaht it- truck tas-Sur Farrugia li kien wieqaf fuq istop sign. Jien komplejt insuq fuq id-direzzjoni ta' barra ghax quddiemi t-traffiku kien miexi bil-mod izda miexi. Is-Sur Farrugia hareg minn fuq l-istop sign u baqa' diehel fuq it-tieni bieba tal-passiggieri fuq in-naha tax-xellug fuq in-naha ta' wara."*

10. Verzjoni tirrifletti dak li nghad originarjament *a tempo vergine* ftit wara l-incident.

11. Skizz li juri l-vetturi wara li sehh l-incident ma sarx. Madankollu fir-rapport il-hsara li garrbet il-vettura IGY 048 (tal-attur) hi: "*Damage Location: Back Left Door*" u "*Back Left Wing*". Hsara tidher fir-ritratti ezibiti bhala Dok. LP5 u Dok. LP6. Filwaqt li l-hsara fuq il-bumper tat-trukk GVA 249 hi evidenti mir-ritratti ezibiti bhal Dok. NF1 u Dok. NF2.

12. Kif osserva t-Tribunal, ir-Regolament 76 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.11) jipprovdi li triq principali hi dik li t-traffiku kollu li jkun ghaddej minnha jkollu d-dritta ghas-sewqan u t-traffiku fit-toroq kollha li jaghtu ghaliha ghandhom jaghmlu l-wisa` lil dak tat-triq principali. L-istess disposizzjoni tkompli tghid li d-driver ta' kull vettura sew fi triq principali sew f`wahda sekondarja ghandu joqghod attent il-hin kollu u ghandu jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega f'kull kantuniera.

13. In tema ta' "*proper lookout*", huwa accertat mill-gurisprudenza taghna illi hu d-dover ta' sewwieq "*the duty to look implies the duty to see what is in plain view...*"[4]. Min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm, "*a proper lookout...*";

"*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in*

[4] Ara sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Laferla** u **Il-Pulizija vs Vella**.

*the case of a road passing through a builtup area, of the pavements on the side of the road as well.*" (**Newhaus N.D. v. Bastion Insurance Co. Ltd**." [1968].

14. Hrug minn triq sekondarja fih innifsu hu disturb ghall-kors ordinarju tat-traffiku[5]. Fis-sentenza **Mark Sammut vs Maryse Germaine de la Fargue** tat-2 ta' April 1976, il-Qorti tal-Appell osservat:

*"min ikun hiereg minn 'side street' ghal 'main road' ghandu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-'main road' u li jieqaf ghal kollox jew johrog 'inching out' u jassigura li t-triq hi libera. Is-side road user ghandu juza grad ta' diligenza l-izjed gholja u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir icedi lit-traffiku li jkun fuq it-triq principali, ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba il-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha"*

15. Il-konvenut kellu obbligu li jieqaf wara l-istop sign u jesplora t-triq sew qabel johrog fit-triq principali. Kien l-obbligu tieghu li jizgura li t-trukk ma jkunx ta' ostakolu ghall-vetturi li kienu fit-triq principali. Hu car li f'dan il-kaz il-konvenut hareg minghajr ma ta kaz dak li kien quddiem ghajnejh jew minghajr ma ta' kaz ghal dak li kellu jara. Il-fatt li t-trukk kien *left hand drive* u fuq il-lemin tieghu kien hemm passiggier, mhijiex skuza. Semmai kienet tpoggi fuqu htiega iktar li jkun cert li ghandu vizwali fit-tul tal-karozzi li kienu gejjin min-naha tal-lemin.

16. It-Tribunal kellu kull dritt li jqies il-verzjoni ta' Pisani iktar kredibbli u mhemm xejn li jista' jwassal lill-qorti ghall-konvinciment differenti. Dan apparti li l-verzjoni tal-konvenut mhijiex wahda konsistenti, fis-sens li:

i. Fir-rapport jinghad li qal li waqaf fuq stop sign, hares iz-zewg nahat, ra li ma kinux gejjin vetturi u saq ghal gewwa t-triq principali. Bejn wiehed u iehor qal l-istess meta xehed minn jeddu.
ii. In kontro-ezami qal li qabel dahal fit-triq principali, kien ra l-vettura tal-attur *"qisu xi* ***ghaxar karozzi 'l boghod"***. L-istess xehed Garrison Muscat. Ghalhekk kuntrarjament ghal dak li xehed Jonathan Sant, it-triq ma kinitx *'clear'*.

17. Kien ghal kollox irresponsabbli ghall-konvenut li johrog fit-triq principali meta kien hemm distanza daqstant qasira bejn iz-zewg vetturi.

[5] Ara sentenza **Stagno Navarra v. Saliba** – Kollez. Vol. XLV.I.389

18. Il-qorti zzid li l-konvenut xehed li l-incident sehh qabel kien iddritta t-trukk kollu fit-triq. Min-naha l-ohra Jonathan Sant, xhud tal-konvenut, xehed li l-incident sehh meta t-trukk kien diga' dritt. Sahansitra xhud iehor li kien fuq it-trukk, Ian Zammit, xehed li l-habta grat meta t-trukk kien ghadu hiereg minn fuq stop sign. Din in-nuqqas ta' konsistenza zgur li ma tghinx id-difiza tal-konvenut.

19. Il-hsara fil-vettura tal-atturi kienet fil-bieba ta' wara u mudguard ta' wara tan-naha tal-passiggier. Min-naha l-ohra t-trukk kellu hsara fil-bumper ta' quddiem, fil-kantuniera (ara ritratt NF1). Meta tqies fejn huma l-hsarat fil-vetturi, il-qorti ma tarahiex verosimili li l-incident sehh bil-mod li ddeskriva l-konvenut u shabu.

20. Fit-tieni aggravju gie ttrattat l-element ta' kontributorjeta tal-attur. L-appellant jirreferi ghal dak li xehedu suldati li kienu passiggiera fit-trukk, li semmew li l-vettura ta' Pisani kienet ghaddejja *'bi ftit speed mhu hazin'*. Jekk dan hu veru l-konvenut kellu responsabbilta ikbar li ma jirfisx fit-triq principali u johloq ostakolu ghal *flow of traffic*. Kif jixhdu r-ritratti li gew prezentati il-vizwali tal-konvenuti kienet fit-tul. Ghalhekk kieku kien attent kellu jara li gejja vettura u jibqa' wieqaf. Dan apparti li hu stess qal li waqt li t-trukk kien ghadu wieqaf, ra l-vettura tal-attur xi ghaxar vetturi 'l boghod. L-istess qal Garrison Muscat. Il-*causa prossima* tal-incident ma kienx il-velocita tal-vettura ta' Pisani izda n-nuqqas ta' diligenza tal-attur li hareg fit-triq principali fil-mument li kienet ghaddejja l-vettura ta' Pisani.

21. L-ahhar aggravju jikkoncerna d-danni li t-Tribunal ikkundanna lill-konvenut ihallas. Il-qorti tibda biex tosserva li fir-rigward tal-parts, kieku ried il-konvenut kellu kull opportunita li jaghmel domandi dwarhom lill-attur u jitlob spjegazzjoniijet. Ma jistax issa iqajjem id-dubju fejn jidher li ma kienx hemm.

22. L-attur talab ukoll danni ghal-*loss of use* fil-perjodu bejn **it-13 ta' Ottubru, 2014 u t-22 ta Jannar, 2015**. Filwaqt li l-vittma ghandu kemm jista' jkun jitqieghed fil-posizzjoni li kien qabel l-incident, ghandu d-dmir li jimminimizza d-danni[6].

23. Jirrizulta li fl-14 ta' Ottubru, 2014 sar survey fuq il-vettura. Inoltre, f'Jannar 2015 l-attur kien kera vettura ghall-perjodu ta' hdax-il gurnata, u cjoe'

[6] Kif kellha okkazjoni tosserva il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenza taghha tal-11 ta' Lulju, 2016, fil-kawza fl-ismijiet **Citadel Insurance plc et v. Raymond Calleja:** *"Bhala principju kull persuna ghandha tingieb fl-istess pozizzjoni li kienet qabel ma ssubiet id-dannu. Pero hi principju iehor daqstant ekwivalenti illi ebda persuna ma ghandha tavvantagja ruhha u taghmel profit mid-dannu subit u anzi hemm l-obbligu li d-danni ghandhom fejn possibbli jigu minimizzati mill-kreditur."*

probabbilment ghall-perjodu li damet ghat-tiswija. Dan apparti li Meli Car Rentals Ltd harget il-kont tat-tiswija fit-22 ta' Jannar, 2015. Prova ohra li tindika li t-tiswija saret f'dak iz-zmien.

24. Ghalkemm il-konvenut argumenta li l-attur ma gabx prova li twaqqaf minn Transport Malta milli jaghmel uzu mill-vettura, mill-entita tal-hsara li garrbet il-vettura (ara ritratti) wiehed ma jistax jippretendi li l-attur seta' jkompli juza l-vettura qabel tissewwa. Dan iktar u iktar meta l-vettura kienet tintuza f'*care hire garage*. Ghal dak li jirrigwarda l-perjodu li ghalih l-attur jippretendi li ghandu jithallas ghat-telf ta' qliegh, mill-provi ma rrizultax:

i. Meta l-parts gew ordnati. L-email tat-23 ta' Ottubru, 2014 mhijiex konferma ta' ordni izda stima li harget Meli Car Rentals Limited li eventwalment ghamlet it-tiswijiet.
ii. X'kienet ir-raguni li l-parts damu dak iz-zmien kollu sabiex ingiebu Malta. Kull ma qal l-attur hu li, *"Nghid illi domt biex insewwi dan il-van ghaliex parts ghal dan il-van ma kienx hawn Malta"*. L-oneru tal-prova kien fuq l-attur. Tlett xhur hu perjodu itwal min-normal.

25. Hu veru li d-danneggat mhux mistenni li jitghabba b'piz finanzjarju bla bzonn. Pero' f'dan ir-rigward l-attur naqas milli jressaq provi konvincenti li dak iz-zmien kollu kien gustifikat sabiex tissewwa l-vettura. Dan iktar u iktar meta tqies dak li xehed Tyron Demanuele, rapprezentant ta' Gasan Mamo, li *"kieku l-claim giet settled dakinhar tal-email konna nkunu sodisfatti. Peress li l-AFM ma accettawx it-tort, il-klijent taghna qed jikklajmja l-loss of use"*.

26. Fir-rigward tat-telf ta' qliegh, Charles Attard rapprezentant ta' Juanafil Consultants Ltd xehed li jaghmlu xoghol ta' *bookkeeping* ghall-attur. Zied li ghamlu kalkolu bazat fuq dhul kuljum ta' €50 ghalkemm il-medja ta' qliegh kuljum matul is-snin 2012, 2013 u 2014 kien ta' €58.59 ghal kull gurnata. Qal ukoll li matul is-sena 2014 id-dhul kien ta' €40.46 kuljum. Il-qorti hi tal-fehma li s-somma ta' €50 ghal kull gurnata mhijiex eccessiva meta tqies li l-vettura hi ghal sitta min-nies, u x'hallas l-attur biex kera vettura.[7] Hu veru li t-taghrif li ta x-xhud kien bazat fuq zewg vetturi, u din kienet it-tielet vettura fil-garaxx tal-attur. Pero' ghandu jkun ovvju li zieda fin-numru ta' vetturi probabbilment iggib mieghu zieda fil-qliegh ghaliex l-attur jiehu iktar xoghol.

27. Mehud in konsiderazzjoni dak li nghad hawn fuq il-qorti qeghda arbitrio boni viri tiffissa perjodu ta' 45 gurnata li dwarhom l-attur ghandu jedd li jigi kkumpensat. B'rata ta' €50 ghal kull gurnata l-qliegh hu €2,250.

---

[7] Ara dokumenti C u iehor data 1 ta' Dicembru, 2015.

28. Jirrizulta wkoll li nkriet vettura ghall-hdax il-jum, mit-13 ta' Jannar, 2015. Min-nota ta' sottomissjonijiet li l-konvenut ipprezenta fit-Trbunal, ma jidhirx li kkontesta li l-parts hadu dak iz-zmien kollu sakemm waslu Malta. Fil-fatt l-argument tal-konvenut kien li, *"…. huwa m'ghandux isofri d-danni ghad-dewmien min-naha ta' Meli Garage biex jingabu l-parts Malta ….".*

29. Ghaldaqstant, id-danni li sofra l-attur huma:

- Spejjez ta' tiswija - €3,532.75
- Telf ta' qliegh - €2,250
- Kiri ta' vettura fil-perjodu ta' tiswija - €825

**Total €6,607.75**.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel zewg aggravji u sa fejn kompatibbli ma' dak li ntqal hawn fuq tilqa' parzjalment it-tielet aggravju u tvarja d-decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg tal-10 ta' Novembru 2016 fis-sens li tillikwida d-danni fis-somma ta' sitt elef sitt mija u seba' ewro u hamsa u sebghin centezmu (€6,607.75), u tikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma lill-attur. Ghall-kumplament tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal.**

**Spejjez tal-appell jinqasmu in kwantu ghal 80% a karigu tal-konvenut u 20% a karigu tal-attur.**

Anthony Ellul.